4. Fil-kors ta' dan l-impieg, u ċjoè bejn it-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u s-sittax (16) ta' Settembru elfejn u għoxrin (2022), l-intimat trasferixxa numru ta' fondi minn client account tal-esponenti, f'diversi tranżazzjonijiet, fit-total ammontanti għal tlieta u għoxrin elf, tmien mija u wieħed u sittin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€23,861.65) għal Revolut account bl-Iban numru ittri L T numri sitta sebgħa tlieta tnejn ħamsa żero żero wieħed disgħa sebgħa tlieta tnejn tnejn wieħed tnejn disgħa żero tnejn (LT673250019732212902). Lista ta' dawn it-tranżazzjonijiet qed tiġi annessa bħala B;

5. Illi l-attur esponenti m'għandu l-ebda konnessjoni kwalsijasi ma' dan il-kont tar-Revolut u l-intimat għamel dawn it-tranżazzjonijiet mingħajr l-awtorizzazzjoni u ad insaputa tal-mittenti;

6. Illi sew jekk l-imsemmija fondi ntbagħtu f'Revolut account tal-intimat, u sew jekk le, jirriżulta li fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu, l-intimat aġixxa in malafede, b'mod doluż u/jew qarrieqi u ċertament bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu fil-konfront tas-superjur tiegħu, meta trasferixxa l-imsemmija fondi mingħajr l-awtorizzazzjoni u ad insaputa tar-rikorrenti;

7. Illi għalhekk l-ammont imsemmi għandu jiġi restitwit minnu lill-esponenti;

Sworn Application number 19/2023 (SG)

Joseph Cordina, 5, Cordina, Triq Għonqa, Xagħra, Gozo

vs

Christian Mangion (KI 249976M), Flat 3, Ramla View Court, Triq Ta' Hida, Nadur, Gozo

Sworn application of Joseph Cordina having identity card number 55762G,

He reverently declares and on oath declares:

1. Whereas the plaintiff has an office of Accountant and Public Auditor;

2. Whereas for some time he had the respondent employed with him as an administration manager/personal assistant and this according to a contract dated the fourth (4th) of October two thousand and twenty one (2021) (Doc. A);

3. Whereas among the responsibilities the respondent had in this employment was that of managing the plaintiff's clients account;

4. In the course of this employment, and namely between the second (2nd) of March two thousand and twenty two (2022) and the sixteenth (16th) of September two thousand and twenty (2022), the respondent transferred a number of funds from the applicant's client account, in various transactions, in total amounting to twenty-three thousand, eight hundred and sixty-one euro and sixty-five cents (€23,861.65) to Revolut account with Iban number letters LT numbers six seven three two five zero zero one nine seven three two two one two nine zero two (LT673250019732212902). A list of these transactions is being annexed as B;

5. Whereas the applicant plaintiff has no connection whatsoever with this Revolut account and the respondent made these transactions without authorization and without the plaintiff's knowledge;

6. Whereas whether the said funds were sent to the respondent's Revolut account, or whether not, it results that in the execution of his duties, the respondent acted in bad faith, in a fraudulent and/or deceptive manner and certainly in breach of his fiduciary obligations towards his superior, when he transferred the said funds without authorisation and without applicant's knowledge;

7. Whereas, therefore, the said amount should be refunded by him to the applicant;

8. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini tal-Artiklu 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li jitħallas id-dejn dovut mill-intimat li hu dejn ċert, likwidu u dovut permezz tal-proċeduri sommarju speċjali, u dan għaliex fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m'għandux difiża xi jressaq kontra t-talbiet għall-ħlas.

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jagħmel riferenza għal dak kollu fuq premess jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tisma' u tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tiddikjara l-intimat m'għandux difiża xi jressaq kontra t-talbiet għall-ħlas;

3. Tiddikjara li l-intimat aġixxa in malafede, b'mod doluż u/jew qarrieqi u ċertament bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu fil-konfront tas-Superjur tiegħu, meta f'diversi tranżazzjonijiet huwa ttrasferixxa tlieta u għoxrin elf tmien mija u wieħed u sittin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€23,861.65) għal Revolut account bl-Iban numru ittri L T numri sitta sebgħa tlieta tnejn ħamsa żero żero wieħed disgħa sebgħa tlieta tnejn tnejn wieħed tnejn disgħa żero tnejn (LT673250019732212902), mingħajr l-awtorizzazzjoni u ad insaputa tal-attur Joseph Cordina s-Superjur tiegħu;

4. Tiddikjara li l-intimat għandu jirritorna lill-attur is-somom ta' flus hekk trasferiti minnu, biex b'hekk huwa għandu jħallas lill-esponenti s-somma ta' tlieta u għoxrin elf tmien mija u wieħed u sittin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€23,861.65), oltre imgħax fuq l-ammont relattiv għal kull tranżazzjoni b'effett mid-data li fiha ttieħed l-ammont relattiv;

5. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas somma msemmija ta' tlieta u għoxrin elf tmien mija u wieħed u sittin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€23,861.65), oltre imgħax fuq l-ammont relattiv għal kull tranżazzjoni b'effett mid-data li fiha ttieħed l-ammont relattiv, sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura u tal-mandat ta' sekwestru u qbid fl-istess ismijiet ippreżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, u l-intimat huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

L-attur jirriserva kwalunkwe rimedju u dritt ieħor spettanti lilha skont l-liġi.

8. Whereas there exist all the elements required by law and in terms of Article 167 to 170 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta) in order to be ordered by this Honourable Court to pay the debt owed by the respondent which is a certain debt, liquid and due through the special summary procedures, and this is because in the applicant's opinion the respondent has no defence to put forward against the requests for payment.

Wherefore, the applicant, whilst making reference to all the abovesaid, respectfully asks this Honourable Court to be pleased to:

1. To hear and decide according to the request with the dispensation of the hearing of the case in terms of articles 167 to 170 of the Code of Organisation and Civil Procedure;

2. Declare that the respondent has no defence to put forward against the requests for payment;

3. Declare that the respondent acted in bad faith, in a fraudulent and/or deceptive manner and certainly in breach of his fiduciary obligations towards his superior, when through several transactions he transferred twenty-three thousand, eight hundred and sixty-one euro and sixty-five cents (€23,861.65) to a Revolut account with Iban number letters LT numbers six seven three two five zero zero one nine seven three two two one two nine zero two (LT673250019732212902), without authorisation and without the knowledge of the plaintiff Joseph Cordina his superior;

4. Declare that the respondent must refund to the plaintiff the sums of money thus transferred by him, and namely he must pay the applicant the sum of twenty-three thousand, eight hundred and sixty-one euro and sixty-five cents (€23,861.65), plus interest on the relative amount for each transaction with effect from the date on which the relative amount was taken;

5. Condemn the respondent to pay the said sum of twenty-three thousand, eight hundred and sixty-one euro and sixty-five cents (€23,861.65), plus interest on the amount relative to each transaction with effect from the date on which the relative amount was taken, until the effective payment date.

With the costs of this procedure and of the garnishee order and the warrant of seizure in the same names concurrently filed with this sworn application, and the respondent is as of now summoned for his oath.

The plaintiff reserves any remedy and other rights available to him according to law.

(iffirmat) l-Avukat Georgine Grech

Il-kawża hija differita għat-2 ta' Ġunju, 2023, tissejjaħ f'nofsinhar, fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), illum 8 ta' Mejju, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

(signed) Advocate Georgine Grech

The lawsuit is deferred to the 2nd of June, 2023, at noon, in the building of the Court of Gozo, Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), this 8th day of May, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1041

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' April, 2023, u dan wara Rikors b'numru 242/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet u/jew korrezzjonijiet fuq:

1. L-Att taż-Żwieġ numru 1950/2012 b'mod li fil-kolonna intestata 'Tagħrif dwar ir-raġel miżżewweg billi l-isem u kunjom Muawiah Alrashid Alomar, jiġi korrett biex jaqra 'Muawiah Alrashd Alomar'. Kif ukoll li dan jiġi rifless ukoll fl-istess Att taż-Żwieġ fir-rigward tal-kunjom li Sabrina Alrashd Alomar ħadet fiż-żwieġ;

2. L-Att tat-Twelid numru 5838/2013 tal-minuri Ishmael fil-kolonna intestata 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom' għandu jitniżżel il-kunjom korrett 'Alrashd Alomar';

3. L-Att tat-Twelid numru 4549/2017 tal-minuri Jacob fil-kolonna intestata 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom' għandu jitniżżel il-kunjom korrett 'Alrashd Alomar';

4. L-Att tat-Twelid numru 5838/2013 tal-minuri Ishmael u l-Att tat-Twelid numru 4549/2017 tal-minuri Jacob sabiex kunjom il-ġenituri minn Alrashid Alomar jiġi korrett u jibda jaqra 'Alrashd Alomar'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum il-Ħamis, 4 ta' Mejju, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th April, 2023, and upon an application numbered 242/2023, ordered:

The Director of the Public Registry to make the annotations and/or corrections on:

1. The Act of Marriage bearing number 1950/2012 in such a way that in the column headed 'Particulars of the husband' the name and surname Muawiah Alrashid Alomar, is corrected to read 'Muawiah Alrashid Alomar', as well as that this is also reflected in the same Act of Marriage in relation to the surname that Sabrina Alrashd Alomar took in her marriage;

2. In the Act of Birth bearing number 5838/2013 of the minor Ishmael in the column headed 'Name or Names and by which child is to be called and surname' the correct surname 'Alrashd Alomar' should be recorded;

3. In the Act of Birth bearing number 4549/2017 of the minor Jacob in the column headed 'Name or Names and by which child is to be called and surname' the correct surname 'Alrashd Alomar' should be recorded;

4. The Act of Birth bearing number 5838/2013 of the minor Ishmael and the Act of Birth bearing number 4549/2017 of the minor Jacob so that the surname of the parents from 'Alrashid Alomar' is corrected and reads 'Alrashd Alomar'.

Court of Revision of Notarial Acts, today Thursday, 4th May 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1042

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-17 ta' April, 2023, fl-atti tar-Rikors numru 10/2023 fl-ismijiet Alistair James k/a Alistair Duncan (KI 475491M) vs Leanne Sciberras ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmija Leanne Sciberras, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjocesi ta' Malta b'sentenza definittiva tat-28 ta' Frar, 2022, iddikjara null iż-żwieġ bejn il-partijiet imsemmija ċċelebrat fid-9 ta' Settembru, 2017, liema sentenza ġiet pubblikata fis-26 ta' Settembru, 2022. L-istess Tribunal Metropolitan irrenda din is-sentenza eżekuttiva permezz ta' digriet ta' eżekuttività fit-18 ta' Ottubru, 2022.

Ir-rikorrenti jixtieq li din id-deċiżjoni tiġi ddikjarata eżegwibbli f'Malta ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi (a) id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta tat-28 ta' Frar, 2022, ippubblikata fis-26 ta' Settembru, 2022 (Prot 19.095) u d-digriet ta' eżekuttività ta' din is-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2022, bħala waħda eżegwibbli f'Malta (2) tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra s-sentenza Prot 19.095 imsemmija skont l-artikoli 23 u 24 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifika: Leanne Sciberras, 73, Raul , Triq taż-Żwejt, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 10 ta' Mejju, 2023

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 17th April, 2023, in the records of Application number 10/2023 in the names Alistair James k/a Alistair Duncan (ID 475491M) vs Leanne Sciberras the following publication was ordered to serve as notification in regard to the said Leanne Sciberras, pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap 12 of the Laws of Malta.

Whereas the Metropolitan Tribunal of the Archdiocese of Malta by means of a definitive judgment of 28th February, 2022, declared null and void the marriage between the said parties celebrated on 9th September, 2017, which judgment was published on 26th September, 2022. The same Metropolitan Tribunal rendered this an executive sentence by means of a decree of executability on 18th October, 2022.

The applicant requests that this decision be declared enforceable in Malta in terms of section 24 of Cap. 55 of the Laws of Malta.

Therefore, the applicant respectfully requests that this Honourable Court declares that (a) the judgment delivered by the Metropolitan Tribunal of Malta of 28th February 2022 published on 26th September 2022 (Prot 19.095) and the decree of executability of this judgment of 18 th October, 2022, is enforceable in Malta (2) orders the Director of the Public Registry to register the above mentioned judgment Prot 19.095 in accordance with sections 23 and 24 of Cap. 255 of the Laws of Malta.

Notification: Leanne Sciberras, 73, Raul , Triq taż-Żwejt, San Ġwann

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 10th May, 2023

DR F. BONDIN LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1043

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-20 ta' Frar, 2023, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 881/2018 fl-ismijiet Mizzi Associated Enterprises Limited vs Mary Shephard, il-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront ta' Mary Shephard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tar-Rikors tal-Appell numru 881/2018 ippreżentat fl-10 ta' Jannar, 2023, fl-ismijiet fuq premessi, is-soċjetà appellanti Mizzi Associated Enterprises Limited ħassitha aggravata bis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 2022, fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet attriċi. Illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet

By a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 20th February, 2023, in the records of Appeal Application number 881/2018 in the names Mizzi Associated Enterprises Limited vs Mary Shephard, the court ordered the following publication in regard to Mary Shephard pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas by means of Appeal Application number 881/2018 filed on 10th January, 2023, in the above mentioned names, the appellant company Mizzi Associated Enterprises Limited felt aggrieved by the judgment delivered on 15th December, 2022, where the First Court decided the case by rejecting the plaintiffs' claims. The judgment of the First

ibbażata fuq il-fatt li skont il-Qorti l-azzjoni intentata mis-soċjetà appellanti kienet waħda ta' rivendika u li għalhekk ma rnexxilhiex tipprovdi l-aħjar prova dwar it-titolu tagħha;

Illi s-soċjetà rikorrenti appellanti tħossha serjament ippreġudikata minn din is-sentenza u għalhekk qiegħda tinterponi dan l-appell fejn uniku aggravju prinċipali huwa dwar il-fatt li I-Ewwel Qorti ddeċidiet tindirizza din il-kawża bħala waħda ta' rivendika. Is-soċjetà appellanti ma tistax tifhem kif l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tieħu din it-triq, kif tispjega fir-rikors tal-appell tagħha msemmi.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti titlob umilment lil din il-Onorabbili Qorti sabiex tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti appellanti u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata appellata.

Notifika: Mary Shephard, Flat 51, Blokk C, Spinola Court, Upper Gardens, San Ġiljan

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), illum, 10 ta' Mejju, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court was based on the fact that according to the Court the action filed by the appellant company was one of rei vindicatio and that therefore it did not manage to adduce the best proof regarding its title;

Whereas the claimant appellant company feels seriously prejudiced by this judgment and is therefore interposing this appeal where the only main grievance is the fact that the First Court decided to address this cause as one of rei vindicatio. The appellant company cannot understand how the First Court decided to follow this path, as it explains in its aforementioned appeal.

Therefore, the appellant company humbly asks this Honourable Court to revoke and annul the appealed judgment and instead to uphold the claims of the appellant claimant company and consequently dismiss the respondent's pleas. With the costs of the two instances against the appealed respondent.

Notification: Mary Shephard, Flat 51, Block C, Spinola Court, Upper Gardens, St Julian's

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 10th May, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1044

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-13 ta' Frar, 2023, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 335/2012 fl-ismijiet Attrans Commercials Ltd (C12775) vs Ivan Abela; Kenneth Galea; Pierre Farrugia; Kingpin Limited (C44320); l-Av. Dott. Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company; l-Av. Dott. Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Abulnaser Marghni; u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Mejju, 2012, Dott. Mark Mifsud Cutajar u l-PL Pauline Mallia ġew nominati minnflok Dott. Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company u lil Abulnaser Marghni; u b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju, 2012, il-Qorti rrevokat l-inkarigu mogħti lill-PL Pauline Mallia u tikkonferma dak tal-PL Hilda Ellul Mercer, il-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront tal-imsemmija Ivan Abela u Kenneth Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tar-Rikors tal-Appell numru 335/2012 ippreżentat fis-7 ta' Diċembru, 2022, fl-ismijiet fuq premessi, is-soċjetà attriċi Attrans Commercials Ltd ħassitha aggravata bis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Novembru, 2022, fejn il-

By decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 13th February, 2023, in the records of Appeal Application number 335/2012 in the names Attrans Commercials Ltd (C12775) vs Ivan Abela; Kenneth Galea; Pierre Farrugia; Kingpin Limited (C44320); Adv. Dr Patrick Valentino and LP Hilda Ellul Mercer as deputy curators to represent the absentee Libyan company Highway Car and Spare Parts Importation Company; Adv. Dr Patrick Valentino and LP Hilda Ellul Mercer as deputy curators to represent the absentee Abulnaser Marghni; and a decree of the Court of 21st May, 2012, Dr Mark Mifsud Cutajar and LP Pauline Mallia were nominated instead of Dr Patrick Valentino and the LP Hilda Ellul Mercer as Deputy Curators to represent the absentee Libyan company Highway Car and Spare Parts Importation Company and Abulnaser Marghni; and by decree of the Court of the 5th June, 2012, the Court revoked the assignment given to LP Pauline Mallia and confirms that of LP Hilda Ellul Mercer, the court ordered the following publication in regard to the said Ivan Abelau Kenneth Galea pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas by means of Appeal Application No. 335/2012 filed on 7th December, 2022, in the names above, the plaintiff company Attrans Commercials Ltd felt aggrieved by the judgment delivered on 7th November, 2022, where

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel talba attriċi billi ordnat li jingħata rendikont sħiħ tan-negozju relattiv mis-17 ta' Ottubru, 2009, sad-data li fih ġie tterminat l-istess negozju filwaqt illi ddisponiet illi jibqgħu impreġudikati d-drittijiet l-oħra tas-soċjetà attriċi liema drittijiet hija tkun tista' tenforza jekk ikun il-każ, wara li tikseb aċċess għar-rendikont, u għalhekk ressqet erba' aggravji kontra s-sentenza msemmija.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti fis-7 ta' Novembru, 2022, fl-ismijiet fuq premessi, billi tikkonfermaha fil-parti fejn laqgħet l-ewwel talba attriċi; tiddisponi mit-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi billi tikkundanna lill-intimati Highway Car and Spare Parts Importation Company u Abdulnaser Marghni solidament iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,681,041 bħala ammont hekk likwidat u tikkonfermaha fil-parti fejn hija żammet impreġudikati l-bqija tad-drittijiet tas-soċjetà attriċi u dan limitatament għas-sitt talba; bl-ispejjeż u interessi legali kontra l-imsemmija żewġ intimati in solidum.

Notifika: Ivan Abela, Eden, Flt 2, Triq Marku Falzon, Birkirkara

Kenneth Galea, Apt 1, Valley View, Triq R. Caruana, San Ġwann

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), illum 10 ta' Mejju, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the First Hall of the Civil Court accepted the first plaintiff's request by ordering that a full account be given of the relative business from 17th October, 2009, to the date on which the same business was terminated while further deciding that the other rights of the plaintiffs' company remain unprejudiced which rights it will be able to enforce if it is the case, after gaining access to the accounts, and therefore raised four grievances against the said sentence.

Therefore, the appellant company respectfully requests this Honourable Court to reform the sentence delivered by the Honourable First Hall of the Civil Court on 7th November, 2022, in the names above, by confirming it in the part where it upheld the first claim by the plaintiff; by upholding the plaintiff's second, the third, fourth and fifth claims and condemn the respondents Highway Car and Spare Parts Importation Company and Abdulnaser Marghni in solidum to pay the plaintiff company the sum of €2,681,041 as an amount so liquidated and confirm it in the part where it kept unprejudiced the rest of the rights of the plaintiff company society and this limited to the sixth claim; with costs and legal interests against the said two respondents in solidum.

Notification: Ivan Abela, Eden, Flt 2, Triq Marku Falzon, Birkirkara

Kenneth Galea, Apt 1, Valley View, Triq R. Caruana, San Ġwann

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 10th May, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1045

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Mejju, 2023 (Rikors numru 52/2023) minn Concetta Buttigieg et, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Victor Buttigieg, miżżewweġ lil Concetta Buttigieg née Attard, bin Roman Buttigieg u Antonietta née Attard, imwieled ix-Xagħra, Għawdex, u miet ir-Rabat, Għawdex, nhar il-25 ta' Frar, 2022, karta tal-identità numru 93949G, liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur tal-martu Concetta Buttigieg (KI 60751G) fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u a favur it-tliet uliedu Mark Anthony Buttigieg (KI 443172M), Romina Thewma (KI 15779G) u Maureen Vella (KI 28280G) fi kwota ta' sest (1/6) indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 5th of May, 2023 (Application number 52/2023) by Concetta Buttigieg et, the opening of the succession was requested of Victor Buttigieg, married to Concetta Buttigieg née Attard, son of Roman Buttigieg and Antonietta née Attard, born in Xagħra, Gozo, and died in Victoria, Gozo, on the 25th of February, 2022, identity card number 93949G, which opening of succession should be made a in favour of his wife Concetta Buttigieg (ID 60751G) in a quota of one half (1/2) undivided share and in favor of his three children Mark Anthony Buttigieg (ID 443172M), Romina Thewma (ID 15779G) and Maureen Vella (ID 28280G) in a quota of one sixth (1/6) undivided each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, illum 11 ta' Mejju, 2023

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, today the 11th of May, 2023

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1046

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-9 ta' Mejju, 2023 (Rikors numru 53/2023) minn Carmel Mercieca et, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Anthony Mercieca, bin il-mejtin Joseph Mercieca u Magdalen née Pavia, imwieled ir-Rabat, Għawdex, u miet ir-Rabat, Għawdex, fis-27 ta' Novembru, 2021, karta tal-identità numru 51737G, liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' ħutu Carmel Mercieca (KI 50652G), Emidio Mercieca (KI 66842G) u Maria Mercieca (KI 98045G) fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, illum 11 ta' Mejju, 2023

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 9th of May, 2023 (Application number 53/2023) by Carmel Merceica et, the opening of the succession was requested of Anthony Mercieca, son of the late Joseph Mercieca and Magdalen née Pavia, born in Victoria, Gozo, and died in Victoria, Gozo, on the 27th of November, 2021, identity card number 51737G, which opening of succession should be made a in favour of his brothers and sister Carmel Mercieca (ID 50652G), Emidio Mercieca (ID 66842G) and Maria Mercieca (ID 98045G) in a quota of one third (1/3) undivided each and every one of them, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, today the 11th of May, 2023

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1047

Avviż skont l-artikolu 495A(3) tal-Kodiċi Ċivili maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru 130/2022 (ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili)

Notice in terms of article 495A (3) of the Civil Code issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

In the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

Application number 130/2022 (in terms of article 495A of the Civil Code)

Formosa Lewis(KI 97249G) f'ismu u bħala mandatarju ta' ħuh imsiefer Nazzareno sive Gerry Formosa, 'Dar ix-Xini', Triq Karmni Grima, L-Għarb, Għawdex

Theresa Muscat (KI 94347G) f'isimha u bħala mandatarja ta' oħtha imsiefra Assunta Pace, 22, Triq il-Madonna ta' Lourdes, In-Nadur, Għawdex

U għal kull interess li jista' jkollha,

Excel Investments Limited (numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C81721), 72, Triq Mattia Preti, Ir-Rabat, Għawdex

vs

1. William Formosa (KI 43853G), St Paul, Triq il-Knisja, L-Għarb

2. Saviour Formosa (98945G), Hacienda, Triq Ġużè Ellul Mercer, Ir-Rabat, Għawdex

3. Maria Assunta Sultana (KI 15747G), Liberty, Triq Karmni Grima, L-Għarb

4. Joseph Formosa (KI 36157G), 4, Triq Mro. Dirjano Lanzon, Ir-Rabat, Għawdex

5. Joanne Saliba (KI 11071G), Kampanella, Triq il-Fanal, L-Għasri

6. Patrick Formosa (KI 74634G), Patross, Triq Wignacourt Birkirkara

7. Carmen sive Lina Dimech (KI 21460G), San Jose, Triq ir-Repubblika, Ir-Rabat, Għawdex

8. Mary Assunta Farrugia (KI 49963G), 92, Triq is-27 ta' Novembru 1678, Ix-Xewkija

9. Joseph Formosa (KI 23066G), Josmar, Triq il-Kappillan Ġamri Camilleri, L-Għarb

10. Maria Assunta Custò (KI 907449M), Dolores, Triq il-Kanonku Bonnici, Il-Ħamrun

11. Antonia Magri (KI 466653M), Melvin, Triq Lord Byron, Il-Ħamrun

12. John Piscopo (KI 176248M), 111, Triq Ġorġ Borg Olivier, Ir-Rabat, Malta

13. Mario Grech Xerri (KI 14860G), 59, Triq San Ġorġ, Ir-Rabat, Għawdex

14. a. Joseph Formosa b'digriet tas-17 ta' April, 2023, maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Assunta Galea mart Gratius Galea, residenti l-Awstralja, passaport Malti 0908171,

Formosa Lewis (ID 97249G) in his own name and as representative of his brother who lives abroad Nazzareno sive Gerry Formosa, 'Dar ix-Xini', Triq Karmni Grima, Għarb, Gozo

Theresa Muscat (ID 94347G) in her own name and as representative of her sister Assunta Pace, 22, Triq il-Madonna ta' Lourdes, Nadur, Gozo)

And for any interest it may have,

Excel Investments Limited (company registration number C81721), 72, Triq Mattia Preti, Victoria, Gozo

vs

1. William Formosa (ID 43853G), St Paul, Triq il-Knisja, Għarb

2. Saviour Formosa (ID 98945G), Hacienda, Triq Ġużè Ellul Mercer, Rabat, Gozo

3. Maria Assunta Sultana, (ID 15747G), Liberty, Triq Karmni Grima, Għarb

4. Joseph Formosa (ID 36157G), 4, Triq Mro. Dirjano Lanzon, Rabat, Gozo

5. Joanne Saliba (ID 11071G), Kampanella, Triq il-Fanal, Għasri

6. Patrick Formosa (ID 74634G), Patross, Triq Wignacourt, Birkirkara

7. Carmen sive Lina Dimech (ID 21460G), San Jose, Triq ir-Repubblika, Victoria, Gozo

8. Mary Assunta Farrugia (ID 49963G), 92, Triq is-27 ta' Novembru 1678, Xewkija

9. Joseph Formosa (ID 23066G), Josmar, Triq il-Kappillan Ġamri Camilleri, Għarb

10. Maria Assunta Custò (ID 907449M) Dolores, Triq il-Kanonku Bonnici, Ħamrun

11. Antonia Magri (ID 466653M), Melvin, Triq Lord Byron, Ħamrun

12. John Piscopo (ID 176248M), 111, Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat, Malta

13. Mario Grech Xerri (ID 14860G), 59, Triq San Ġorġ, Victoria, Gozo

14. a. Joseph Formosa who by virtue of decree of the 17th April 2023 was appointed deputy curator to represent the expatriate Assunta Galea wife of Gratius Galea, residing in Australia, Maltese passport 0908171,

b. William Formosa b'digriet tas-17 ta' April, 2023, maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Maria Carmel sive Marlene Scicluna, qua użufruttwarja u Kenneth Galea u Terence Galea qua eredi rispettivament ta' Esther Camilleri,

c. L-Avukat Dott. Jean Paul Grech li b'digriet tas-17 ta' April, 2023, ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-eredi mhux magħrufa ta' Maria Mercieca (KI 49223G) (armla ta' Michael Mercieca),

d. kif ukoll lil Theresa Agius,

e. Ludovina Bartolo née Formosa mart Francis Bartolo (KI 52729G),

f. L-eredi mhux magħrufa ta' Nicolina Xerri née Formosa mart Joseph Xerri (KI 64824G),

g. Carmen Dimech li b'digriet tas-17 ta' April, 2023, maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-eredi mhux magħrufa ta' Nazzarena Cauchi née Formosa mart Nazzareno Cauchi (L7209590).

Rikors ta' Lewis Formosa et

Jesponu bir-rispett u l-imsemmi Lewis Formosa jikkonferma bil-ġurament fil-waqt illi jiddikjara illi huwa jaf il-fatti esposti personalment:

1. Illi dan ir-rikors odjern jirrigwarda l-proprjetà illi ġejja: Porzjon art, flimkien ma' kwalsijasi benefikati fuqha, magħrufa bħala 'Tal-Wilġa', fi Triq Karmni Grima, l-Għarb, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca ħames mija u sitta u erbgħin metru kwadru (546m.k.) konfinanti mill-Majjistral mal-imsemmija triq, mil-Lbiċ ma beni tal-eredi ta' Joseph Formosa, u mix-Xlokk ma' beni ta' Cristinu Apap;

2. Din il-proprjetà kienet oriġinarjament tappartjeni lil Maria Anna Portelli (KI 30520G), xebba bint Michele Portelli u Cristina née Camenzuli li kienet akkwistat il-proprjetà mingħand ħuha Louis Portelli permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Busuttil tal-21/7/1959. Maria Anna Portelli mietet fis-6/3/2007 u rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment datat 23/2/2005 fl-atti tan-Nutar Maria Grima;

3. Illi minn hemmhekk din il-proprjetà ddevolviet favur il-kontendenti kollha bl-eċċezzjoni ta' Excel Investments Limited skont kif elenkat aħjar fid-Dokument A hawn anness;

4. Minn dan id-dokument jirriżulta illi r-rikorrenti (bl-eċċezzjoni ta' Excel Investments Limited) għandhom bejniethom huma propjetarji ta' kwoti li jiffurmaw il-maġġoranza minn dan il-fond;

5. Illi ir-rikorrenti l-oħra daħlu f'żewġ konvenji ma' Excel Investments Limited wieħed fit-tlieta u għoxrin (23)

b. William Formosa who by virtue of decree of the 17th April, 2023, was appointed deputy curator to represent Maria Carmel sive Marlene Scicluna, as usufructuary and Kenneth Galea and Terence Galea as heir, respectively of Esther Camilleri,

c. Advocate Dr Jean Paul Grech who by virtue of decree dated the 17th April 2023 was nominated deputy curator to represent the unknown heirs of Maria Mercieca (ID 49223G) (widow of Michael Mercieca),

d. as well as to represent Theresa Agius,

e. Ludovina Bartolo née Formosa wife of Francis Bartolo (ID 52729G),

f. The unknown heirs of Nicolina Xerri nee ' Formosa wife of Joseph Xerri (ID64824G),

g. Carmen Dimech who by virtue of decree of 17th April 2023 was appointed deputy curator to represent the unknown heirs of Nazzarena Cauchi née Formosa wife of Nazzareno Cauchi (L7209590).

Application of Lewis Formosa et

The applicants respectfully state, and the said Lewis Formosa confirms under oath whilst he declares that he knows the stated facts personally:

1. That this present application relates to the following property: A plot of land, together with any development found on it, known as 'Tal-Wilġa', in Triq Karmni Grima, Għarb, Gozo, measuring approximately five hundred and forty-six square meters (546 sq.m.) bounded on the northwest by the said road, southwest by property of the heir of Joseph Formosa, and on the southeast by property of Cristinu Apap;

2. This property originally belonged to Maria Anna Portelli (ID 30520G), a spinster, daughter of Michele Portelli and Cristina née Camenzuli who had acquired the property from her brother Louis Portelli through a contract in the acts of Notary John Busuttil of the 21/7/1959. Maria Anna Portelli died on 6/3/2007 and regulated her succession by means of a will dated 23/2/2005 in the acts of Notary Maria Grima;

3. That from there this property devolved in favour of all the contending parties with the exception of Excel Investments Limited, as better listed in Document A herewith attached;

4. From this document it results that the applicants (with the exception of Excel Investments Limited) amongst them own quotas that form the majority of this property;

5. That the other applicants entered into two promise of sale agreements with Excel Investments Limited, one on the twenty-

ta' Awwissu elfejn u tnejn u għoxrin (2022), permezz ta' liema Lewis Formosa, Nazzareno Formosa, Theresa Muscat u Assunta Pace, obbligaw ruħhom li jbigħu u jittrasferixxu l-kwota lilhom spettanti minn dan il-fond lill-kumpanija Excel Investments Limited bil-prezz ikkalkolat fuq valur ta' erba' mija u tmenin elf ewro (€480,000) għall-intier u bil-kundizzjonijiet kollha riżultanti mill-istess konvenju, u ieħor tad-19 ta' Settembru, 2022, li permezz tiegħu Anthony Muscat obbliga ruħu li jbigħ is-sehem tiegħu lill-istess kumpanija wkoll bl-istess kundizzjonijiet. Kopja awtentika ta' dawn il-konvenji hija hawn annessa bħala Dokument B u C mentri r-riċevuta tar-reġistrazzjoni tal-istess hija annessa bħala Dokumenti D u E;

6. Arblu tar-razza u skeda li turi l-ishma rispettivament spettanti lill-partijiet huma annessi bħala Dokument F u G;

7. Illi l-esponenti huma konvinti li l-prezz li se jitħallas għal din il-proprjetà huwa wieħed ġust u xieraq u ħadd mill-intimati ma sejjer isofri xi preġudizzju bil-bejgħ propost.

Għaldaqstant. l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16;

2. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ mir-rikorrenti kollha bl-eċċezzjoni ta' Excel Investments Limited lill-istess Excel Investments Limited, tal-kwoti spettanti lilhom mill-fond hawn fuq deskritt huma ġusti u xierqa u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tar-rimanenti kwoti prevja, okkorrendo, li l-fond jiġi stmat minn perit u arkitett inġinier ċivili;

3. Finalment tapprova l-bejgħ propost, u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak illi jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimati, f'jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati ad opera tan-Nutar Kristen Dimech jew nutar ieħor minfloku pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ opportun, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

(iffirmat) l-Avukat Carmelo Galea

Il-kawża hija appuntata għat-28 ta' Ġunju, 2023, tissejjaħ fl-10.10 a.m., fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qrati u Tribunali (Għawdex), illum 28 ta' April, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur

third (23rd) of August two thousand and twenty-two (2022), through which Lewis Formosa, Nazzareno Formosa, Theresa Muscat and Assunta Pace, have bound themselves to sell and transfer the quota belonging to them out of this property to the company Excel Investments Limited with the price calculated on a value of four hundred and eighty thousand euros (€480,000) for the whole and with all the conditions resulting from the same promise of slae agreement, and another of the 19th September, 2022, through which Anthony Muscat bound himself to sell his share to the same company also under the same conditions. An authentic copy of these promise of sale agreements is herewith attached as Document B and C while the receipt of the registration of the same is attached as Documents D and E;

6. A family tree and a schedule showing the respective shares belonging to the parties are attached as Document F and G;

7. That the applicants are convinced that the price that will be paid for this property is fair and just and none of the respondents will suffer any prejudice because of the proposed sale.

Therefore, the applicants respectfully request that the Honourable Court to:

1. Order the publication of this application in the Government Gazette and in another local newspaper in terms of article 495A of the Cap. 16;

2. Declares that the price as well as the conditions proposed for the sale by all applicants with the exception of Excel Investments Limited to the same Excel Investments Limited, of the quotas belonging to them out of the property described above are fair and just and that the same price and conditions shall apply to the sale of the remaining quotas prior, if necessary, that the property is valued by an architect and civil engineer;

3. Finally, approve the proposed sale, and order the publication of the deed of sale also for what relates to the quota pertaining to the respondents, on a day, time and place to be set, by the Notary Kristen Dimech or another public notary in his stead, to publish the opportune deed of sale, with the intervention of deputy curators to represent the eventual defaulters on that deed.

(signed) Advocate Carmelo Galea

This sworn application is appointed on the 28th of June, 2023, at 10.10 a.m., in the building of the Court of Gozo, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Registry of the Gozo Courts and Tribunals, this 28th April, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*